



16.7.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)); Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)); ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)); ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju; ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej; ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji; ir-Regolament (UE) Nru 2015/760 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Termini Twil; ir-Regolament (UE) Nru 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) Nru 2017/1129 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat (COM (2017)0536 – C8-0319/2017 – 2017/0230(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jens Geier

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur jilqa' b'mod ġenerali l-proposta tal-Kummissjoni għal Reviżjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE). B'mod partikolari, huwa jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tal-istruttura tad-dħul tat-tliet aġenziji. Għall-EBA, il-Kummissjoni tipproponi żieda fil-persunal permanenti ta' 29 membru tal-persunal tal-pjan ta' stabbiliment (assistenti temporanji (TA)) sal-2022 u żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit annwali tagħha ta' EUR 6,6 miljuni taħt il-QFP attwali (2019-2020). Bl-istess mod, l-ESMA se żżid il-persunal permanenti tagħha b'156 assistent temporanju (TA) sal-2022 u l-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit annwali tagħha se tiżdied bi EUR 48,5 miljun (2019-2021). Fl-aħħar nett, għall-EIOPA hija proposta żieda fil-persunal permanenti tagħha ta' 35 assistent temporanju (TA) sal-2022 u żieda ta' EUR 9,1 miljuni (2019-2020) fil-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit annwali tagħha. B'mod parallel, proposti leġiżlattivi ulterjuri jaffettwaw l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u tar-riżorsi umani tat-tliet aġenziji.

Ir-Rapporteur huwa tal-fehma li l-arranġament attwali f'dak li jikkonċerna d-dħul tal-aġenziji jeħtieġ li jiġi riformat b'mod urġenti. Bħalissa, id-daqs tal-kontribuzzjoni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali huwa definit skont id-drittijiet tal-vot fil-Kunsill. Id-daqs tas-setturi finanzjarji nazzjonali fl-Istati Membri mhux ikkunsidrat, u dan ifisser li xi Stati Membri bi swieq finanzjarji żgħar iħallsu aktar milli jistgħu jew aktar minn dak li huma lesti jħallsu. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li ssolvi din is-sitwazzjoni billi tintroduċi sistema ta' finanzjament indirett permezz tat-tariffi, li bis-saħħa tagħha l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jiġbru t-tariffi mill-parteċipanti tas-suq f'isem l-ASE. Dan jiżgura distribuzzjoni aktar bilanċjata u ġusta tal-piż finanzjarju. Ir-Rapporteur jieħu nota tal-interpretazzjonijiet ġuridiċi differenti ppreżentati mis-servizzi legali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Huwa jqis, madankollu, li l-proposta tal-Kummissjoni hija aktar ġusta u raġonevoli. Fl-istess ħin, hu jipproponi emendi biex jiġu żgurati l-iskrutinju demokratiku u l-adekwatezza fl-iżvilupp tal-modalitajiet tal-mudell ta' finanzjament indirett permezz tat-tariffi.

Ir-Rapporteur jipproponi wkoll emendi li għandhom l-għan li jiżguraw il-governanza tajba tat-tliet aġenziji billi jaġġustaw id-drittijiet tal-vot u billi jiżguraw ir-rappreżentazzjoni tal-Parlament Ewropew, kif previst fl-Approċċ Komuni dwar l-Aġenziji. Emendi addizzjonali għandhom l-għan li jiżguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi bejn it-tliet ASE.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### **Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)**

**(5a)** Meta jkunu qed iwettqu l-kompiti tagħhom, l-ASE jenħtieġ li jfittxu li jipromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, fost l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, u fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, sabiex jinkiseb iffrankar finanzjarju, tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(5b)** Il-baġit tal-ASE jenħtieġ li jitħejja bi qbil mal-prinċipju tal-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi u r-riżultati mistennija tal-kompiti tagħhom.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) Fi ħdan kull kategorija ta' istituzzjonijiet finanzjarji u parteċipanti fis-swieq finanzjarji, il-livell ta' kontribuzzjonijiet jenħtieġ li **jqisu** kemm kull istituzzjoni finanzjarja u parteċipant fis-swieq finanzjarji jibbenifikaw mill-attivitajiet tal-ASE. Għaldaqstant, il-kontribuzzjonijiet individwali mill-istituzzjonijiet finanzjarji u mill-partiċipanti fis-swieq finanzjarji jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'referenza għad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu l-importanza tagħhom fis-suq rilevanti. Il-

(26) Fi ħdan kull kategorija ta' istituzzjonijiet finanzjarji u **ta'** parteċipanti fis-swieq finanzjarji, il-livell ta' kontribuzzjonijiet jenħtieġ li **jqis** kemm kull istituzzjoni finanzjarja u parteċipant fis-swieq finanzjarji jibbenifikaw mill-attivitajiet tal-ASE. Għaldaqstant, il-kontribuzzjonijiet individwali mill-istituzzjonijiet finanzjarji u mill-partiċipanti fis-swieq finanzjarji jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'referenza għad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu l-importanza tagħhom fis-suq rilevanti **u**

ġbir ta' kontribuzzjonijiet żgħar ħafna jenħtieġ li jkun soġġett għal **limitu stabbilit** de minimis, sabiex ikun żgurat li l-ġbir tagħhom ikun ekonomiku, filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurat li ditti akbar ma jintalbu jikkontribwixxu b'mod sproporzjonat.

**sabiex ma jaffettwawx il-kompetittività tagħhom.** Il-ġbir ta' kontribuzzjonijiet żgħar ħafna jenħtieġ li jkun soġġett għal **livell limitu** de minimis, sabiex ikun żgurat li l-ġbir tagħhom ikun ekonomiku filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurat li ditti akbar ma jintalbu jikkontribwixxu b'mod sproporzjonat.

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt ba (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 8 – paragrafu 1a – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) fil-paragrafu 1a, jiżdied il-punt li ġej:**

**"(ca) li tippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, fost l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, u fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, sabiex jinkiseb l-iffrankar fiskali, tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà rigward l-attivitajiet tagħhom."**

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a – punt ia (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ia) jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:**

**"(ba) rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew li ma jkollux id-dritt tal-vot;"**

## *Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentant wieħed tal-Parlament għandu jkun preżenti għal-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri bil-għan li jżied l-iskrutinju parlamentari fuq l-attivitajiet tal-Aġenzija.*

### **Emenda 6**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27 – punt c**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 43 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

#### *Emenda*

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv **u billi jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati**, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova l-programm ta' ħidma annwali tagħha.*

### **Emenda 7**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27 – punt da (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 43 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

#### *Test fis-seħħ*

**Il-programm** ta' ħidma **multiannwali** għandu jiġi adottat mingħajr preġudizzju

#### *Emenda*

**(da) fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

**"Il-programm** ta' ħidma **pluriennali** għandu jiġi adottat **billi titqies ir-**

għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku.

*rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati, mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku."*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova l-programm ta' ħidma pluriennali tagħha.*

### **Emenda 8**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-lista mqassra lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv fuq bażi full-time, inkluż il-Membru inkarigat. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun ibbilanċjat u proporzjonat u għandu jirrifletti l-Unjoni kollha kemm hi.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-lista mqassra lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv fuq bażi full-time, inkluż il-Membru inkarigat. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun ibbilanċjat, ***anki f'dak li jikkonċerna l-ġeneru***, u proporzjonat, u għandu jirrifletti l-Unjoni kollha kemm hi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li jintgħażlu l-aħjar kandidati possibbli, diġà għandu jkun hemm bilanċ u proporzjon fil-livell tal-lista mqassra, li għandha tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.*

### **Emenda 9**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

***Il-lista mqassra għandha tkun ekwibrata f'dak li jikkonċerna l-ġeneru u n-nazzjonalità u għandha tinkludi kandidati b'esperjenza ta' ħidma fl-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, fl-amministrazzjoni tal-Unjoni u fl-atturi tas-suq. Il-lista mqassra għal membru full-time għandha tinkludi mhux aktar minn 10 kandidati.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li jintgħażlu l-aħjar kandidati possibbli, diġà għandu jkun hemm bilanċ u proporzjon fil-livell tal-lista mqassra, li għandha tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 45a – paragrafu 1

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ***sempliċi*** tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. ***Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.***

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ***assoluta*** tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tat-teħid tad-deċiżjonijiet min-naħa tal-Bord Eżekuttiv, huwa propost li jiġi introdott ir-rekwiżit ta' maġġoranza assoluta.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 54 – paragrafu 2 – inċiż 6b (ġdid)



- ***l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli fir-rigward tal-kompiti mwettqa mill-ASE għal raġunijiet ta' kosteffikaċja.***";

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-Approċċ Komuni, l-ASE għandhom jagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi limitati disponibbli. Għaldaqstant, il-Kumitat Konġunt tal-ASE għandu jkun inkarigat, fost dmirijiet oħra, mill-identifikazzjoni tas-sinerġiji fir-rigward tal-ħidma mwettqa mit-tliet Aġenziji, sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' duplikazzjoni u attivitajiet sovrapposti.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 55 – paragrafu 2

2. Membru wieħed tal-Bord Eżekuttiv, ***ir-rappreżentant*** tal-Kummissjoni u l-BERS għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll ta' kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati msemmija fl-Artikolu 57, bħala osservaturi.;

2. Membru wieħed tal-Bord Eżekuttiv, ***ir-rappreżentanti*** tal-Kummissjoni, ***il-Parlament Ewropew*** u l-BERS għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll ta' kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati msemmija fl-Artikolu 57, bħala osservaturi.;

*Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentant wieħed tal-Parlament għandu jkun preżenti għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-ASE bħala osservatur, bil-għan li jiżdied l-iskrutinju parlamentari fuq l-attivitajiet tat-tliet Aġenziji.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43 – punt a**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) kontribuzzjoni ta' bilanċ mill-Unjoni, imdaħħla fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni (taqsima dwar il-Kummissjoni), li ma għandhiex taqbeż 40 % tad-dħul proġettat tal-Awtorità;

*Emenda*

(a) kontribuzzjoni ta' bilanċ mill-Unjoni, imdaħħla fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni (taqsima dwar il-Kummissjoni), li ma għandhiex taqbeż ***l-40 % u li m'għandhiex tkun taħt il-15 %*** tad-dħul proġettat tal-Awtorità;

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li jilqa' l-approċċ tal-estensjoni tal-ammont relattiv ta' finanzjament indirett permezz tat-tariffi, għandu jiġi żgurat li l-ispejjeż tal-aġenzija li jkunu ta' natura amministrattiva identifikata b'mod ċar, bħall-ispejjeż assoċjati mal-kiri tal-uffiċċji u s-servizzi tas-sigurtà, jitħallsu mill-pubbliku. Huwa propost ammont minimu ta' 15 % tad-dħul stmat.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43 – punt aa (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:  
"1a. Id-dħul li tirċievi l-Awtorità m'għandux jikkomprometti l-indipendenza jew l-oġġettività tagħha."***

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43 – punt ab (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 62 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a b) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:  
"L-estimi għandhom ikunu bbażati fuq l-oġġettivi u r-riżultati mistennija tal-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 47(2), u għandhom iqisu r-riżorsi***

*finanzjarji meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-objettivi u jinkisbu r-riżultati mistennija, skont il-prinċipju tal-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni."*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 62a – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kriterji xierqa u oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jitħallsu minn istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) abbażi tad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu b'mod approssimattiv l-importanza tagħhom fis-suq.

#### *Emenda*

(b) kriterji xierqa u oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jitħallsu minn istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) abbażi tad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu b'mod approssimattiv l-importanza tagħhom fis-suq *u sabiex ma jaffettwawx il-kompetittività tagħhom.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 62a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu jistgħu jistabbilixxu jew *limiti stabbiliti* de minimis li taħthom ma tkun dovuta *ebda* kontribuzzjoni jew inkella livelli minimi li taħthom ma għandhomx jaqgħu l-kontribuzzjonijiet;

#### *Emenda*

*Il-Kummissjoni, qabel ma tadotta att delegat dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali mill-istituzzjonijiet finanzjarji, għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni ta' dan l-att delegat. L-att delegat għandu jkun limitat fiż-żmien u jkun fih klawsola ta' estinzjoni.* Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu jistgħu jistabbilixxu

jew **livelli limiti** de minimis li taħthom ma tkun dovuta **l-ebda** kontribuzzjoni jew inkella livelli minimi li taħthom ma għandhomx jaqgħu l-kontribuzzjonijiet;

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li l-att delegat propost mill-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-aġenziji jkun ibbilanċjat bejn l-interessi tal-partijiet ikkonċernati, is-superviżuri nazzjonali u l-awtorità baġitarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tinvolvi lil dawn l-atturi fit-tnejn tal-att delegat. Biex jiġi żgurat l-iskrutinju demokratiku, l-att delegat għandu jkun limitat fiż-żmien.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 73 – paragrafu 3

#### *Test fis-seħħ*

3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa **għall-iffunzjonar** tal-Awtorità għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru **tat-Traduzzjonijiet** għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

#### *Emenda*

**(53a) Fl-Artikolu 73, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**"3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament** tal-Awtorità għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru **tat-Traduzzjoni** għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea **jew minn fornituri oħra ta' servizzi tat-traduzzjoni skont ir-regoli dwar l-akkwist u fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli finanzjarji rilevanti."**

### *Ġustifikazzjoni*

*L-emenda proposta għandha l-għan li tipprovdi lill-Aġenzija ċerta flessibilità f'dak li jikkonċerna s-servizzi tat-traduzzjoni.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1093/2010

Artikolu 74 – paragrafu 1a (ġdid)

**(54a) fl-Artikolu 74, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

**"Sabiex tikseb tfaddil finanzjarju, l-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess post."**

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a – punt va (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ma (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(va) jiżdied il-punt li ġej:**

**"(ma) li tippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, sabiex jinkiseb l-iffrankar fiskali, tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà rigward l-attivitajiet tagħhom."**

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27 – punt a – punt ia (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ia) jiddaħħal il-punt ba li ġej:**

**"(ba) rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew li ma jkollux id-dritt tal-vot;"**

## *Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentant wieħed tal-Parlament għandu jkun preżenti għal-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri bil-għan li jżied l-iskrutinju parlamentari fuq l-attivitajiet tal-Aġenzija.*

### **Emenda 22**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30 – punt c**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 43 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

#### *Emenda*

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv **u billi jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati**, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

## *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova l-programm ta' ħidma annwali tagħha.*

### **Emenda 23**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30 – punt da (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 43 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

#### *Test fis-seħħ*

*Il-programm ta' ħidma multiannwali għandu jiġi adottat mingħajr preġudizzju*

#### *Emenda*

*(da) fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

*"Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jiġi adottat **billi titqies ir-***

għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku.

**rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati**, mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku.”;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova l-programm ta' ħidma pluriennali tagħha.*

#### **Emenda 24**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-lista mqassra lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv fuq bażi full-time, inkluż il-Membru inkarigat.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-lista mqassra lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv fuq bażi full-time, inkluż il-Membru inkarigat. ***Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun ibbilanċjat, anki f'dak li jikkonċerna l-ġeneru, u proporzjonat, u għandu jirrifletti l-Unjoni kollha kemm hi.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li jintgħażlu l-aħjar kandidati possibbli, diġà għandu jkun hemm bilanċ u proporzjon fil-livell tal-lista mqassra, li għandha tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.*

#### **Emenda 25**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

***Il-lista mqassra għandha tkun ekwibrata f'dak li jikkonċerna l-ġeneru u n-nazzjonalità u għandha tinkludi kandidati b'esperjenza ta' ħidma fl-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, fl-amministrazzjoni tal-Unjoni u fl-atturi tas-suq. Il-lista mqassra għal membru full-time għandha tinkludi mhux aktar minn 10 kandidati.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li jintgħażlu l-aħjar kandidati possibbli, diġà għandu jkun hemm bilanċ u proporzjon fil-livell tal-lista mqassra, li għandha tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 34**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 45a – paragrafu 1

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ***sempliċi*** tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. ***Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.***

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ***assoluta*** tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tat-teħid tad-deċiżjonijiet min-naħa tal-Bord Eżekuttiv, huwa propost li jiġi introdott ir-rekwiżit ta' maġġoranza assoluta.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 54 – paragrafu 2 – inċiż 6b (ġdid)



**“– l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli fir-rigward tal-kompiti mwettqa mill-ASE għal raġunijiet ta' kosteffikaċja;”**

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-Approċċ Komuni, l-ASE għandhom jagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi limitati disponibbli. Għaldaqstant, il-Kumitat Konġunt tal-ASE għandu jkun inkarigat, fost dmirijiet oħra, mill-identifikazzjoni tas-sinerġiji fir-rigward tal-ħidma mwettqa mit-tliet Aġenziji, sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' duplikazzjoni u attivitajiet sovrapposti.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 42**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 55 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

"2. Membru wieħed tal-Bord Eżekuttiv, il-Membru inkarigat f'konformità mal-Artikolu 47(8a), **ir-rappreżentant** tal-Kummissjoni u l-BERS għandhom jiġu mistiedna għal-laqqgħat tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll ta' kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati msemmija fl-Artikolu 57, bħala osservaturi;

"2. Membru wieħed tal-Bord Eżekuttiv, il-Membru inkarigat f'konformità mal-Artikolu 47(8a), **ir-rappreżentanti** tal-Kummissjoni, **il-Parlament Ewropew** u l-BERS għandhom jiġu mistiedna għal-laqqgħat tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll ta' kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati msemmija fl-Artikolu 57, bħala osservaturi.";

*Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentant wieħed tal-Parlament għandu jkun preżenti għal-laqqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-ASE bħala osservatur, bil-għan li jiżdied l-iskrutinju parlamentari fuq l-attivitajiet tat-tliet Aġenziji.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt 46 - punt a**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) kontribuzzjoni ta' bilanċ mill-Unjoni, imdaħħla fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni (taqsima dwar il-Kummissjoni), li ma għandhiex taqbeż 40 % tad-dħul proġettat tal-Awtorità;

*Emenda*

(a) kontribuzzjoni ta' bilanċ mill-Unjoni, imdaħħla fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni (taqsima dwar il-Kummissjoni), li ma għandhiex taqbeż l-40 % u li m'għandhiex tkun taħt il-15 % tad-dħul proġettat tal-Awtorità;

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li jilqa' l-approċċ tal-estensjoni tal-ammont relattiv ta' finanzjament indirett permezz tat-tariffi, għandu jiġi żgurat li l-infiq min-naħa tal-aġenzija ta' natura amministrattiva identifikata b'mod ċar, bħall-ispejjeż assoċjati mal-kiri tal-uffiċċji u s-servizzi tas-sigurtà, jitħallsu mill-pubbliku. Huwa propost ammont minimu ta' 15 % tad-dħul stmat.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 46 – punt aa (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

**"1a. Id-dħul li tirċievi l-Awtorità m'għandux jikkomprometti l-indipendenza jew l-oġġettività tagħha."**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 46 – punt ab (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 62 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ab) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:**

**"L-estimi għandhom ikunu bbażati fuq l-oġġettivi u r-riżultati mistennija tal-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 43(4), u għandhom iqisu r-riżorsi**

*finanzjarji meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-objettivi u jinkisbu r-riżultati mistennija, bi qbil mal-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni."*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 47

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 62a – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kriterji xierqa u oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jitħallsu minn istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) abbażi tad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu b'mod approssimattiv l-importanza tagħhom fis-suq.

#### *Emenda*

(b) kriterji xierqa u oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jitħallsu minn istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) abbażi tad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu b'mod approssimattiv l-importanza tagħhom fis-suq *u sabiex ma jaffettwawx il-kompetittività tagħhom.*

## Emenda 33

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 47

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 62a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu jistgħu jistabbilixxu jew *limiti stabbiliti* de minimis li taħthom ma tkun dovuta *ebda* kontribuzzjoni jew inkella livelli minimi li taħthom ma għandhomx jaqgħu l-kontribuzzjonijiet;

#### *Emenda*

*Il-Kummissjoni, qabel ma tadotta att delegat dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali mill-istituzzjonijiet finanzjarji, għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni ta' dan l-att delegat. L-att delegat għandu jkun limitat fiż-żmien u jkun fih klawżola ta' estinzjoni.* Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu jistgħu jistabbilixxu

jew livelli limiti de minimis li taħthom ma tkun dovuta l-ebda kontribuzzjoni jew inkella livelli minimi li taħthom ma għandhomx jaqgħu l-kontribuzzjonijiet;

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li l-att delegat propost mill-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-aġenziji jkun ibbilanċjat bejn l-interessi tal-partijiet ikkonċernati, is-superviżuri nazzjonali u l-awtorità baġitarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tinvolvi lil dawn l-atturi fit-tnejn tal-att delegat. Biex jiġi żgurat l-iskrutinju demokratiku, l-att delegat għandu jkun limitat fiż-żmien.*

### **Emenda 34**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 56a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 73 – paragrafu 3

#### *Test fis-seħħ*

3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa **għall-iffunzjonar** tal-Awtorità għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru **tat-Traduzzjonijiet** għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

#### *Emenda*

**(56a) fl-Artikolu 73, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Awtorità għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea jew minn fornituri oħra ta' servizzi tat-traduzzjoni skont ir-regoli dwar l-akkwist u fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli finanzjarji rilevanti.”;

### *Ġustifikazzjoni*

*L-emenda proposta għandha l-għan li tipprovdi lill-Aġenzija ċerta flessibilità f'dak li jikkonċerna s-servizzi ta' traduzzjoni.*

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 57a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1094/2010

Artikolu 74 – paragrafu 1a (ġdid)

(57a) fl-Artikolu 74, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

*"Sabiex tikseb tfaddil finanzjarju, l-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess post." "*

## Emenda 36

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 8 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. "Meta twettaq il-kompiti tagħha **f'konformità** ma' dan ir-Regolament, l-awtorità għandha **tqis l-innovazzjoni teknoloġika, il-mudelli kummerċjali innovattivi u sostenibbli u l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza.**";

1a. "Meta **tkun qed** twettaq il-kompiti tagħha **b'konformità** ma' dan ir-Regolament, l-awtorità għandha:

**(a) tqis l-innovazzjoni teknoloġika, il-mudelli kummerċjali innovattivi u sostenibbli u l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza;**

**(b) tippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, sabiex jinkiseb l-iffrankar fiskali, tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà rigward l-attivitajiet tagħhom."**

## Emenda 37

### Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25 – punt a – punt ia (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ia) jiddaħħal il-punt (ab) li ġej:*

*“(ab) rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew, li ma jkollux id-dritt tal-vot;”;*

*Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentant wieħed tal-Parlament għandu jkun preżenti għal-laqgħat tal-Bord tas-Superviżuri bil-għan li jiżdied l-iskrutinju parlamentari fuq l-attivitajiet tal-Aġenzija.*

## Emenda 38

### Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29 – punt c

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 43 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

"Il-Bord tas-Superviżuri għandu jadotta, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' proposta mill-Bord Eżekuttiv, **u billi jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati**, il-programm ta' ħidma tal-Awtorità għas-sena sussegwenti, u għandu jibagħtu għall-finijiet ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.";

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova l-programm ta' ħidma annwali tagħha.*

## Emenda 39

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29 – punt da (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 43 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

*Test fis-seħħ*

*Il-programm ta' ħidma multiannwali* għandu jiġi adottat mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku.

*Emenda*

*(da) fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jiġi adottat billi titqies ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji deċentralizzati, mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali u għandu jsir pubbliku.";*

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji għandhom jitqiesu kif xieraq min-naħa tal-Aġenzija meta tkun qed tapprova l-programm ta' ħidma pluriennali tagħha.*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-lista mqassra lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv fuq bażi full-time, inkluż il-Membru inkarigat. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun ibbilanċjat u proporzjonat u għandu jirrifletti l-Unjoni kollha kemm hi.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-lista mqassra lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-lista mqassra, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv fuq bażi full-time, inkluż il-Membru inkarigat. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun ibbilanċjat, **anki f'dak li jikkonċerna l-ġeneru**, u proporzjonat, u għandu jirrifletti l-Unjoni kollha kemm hi.

## Ġustifikazzjoni

*Sabiex jiġi żgurat li jintgħażlu l-aħjar kandidati possibbli, diġà għandu jkun hemm bilanċ u proporzjon fil-livell tal-lista mqassra, li għandha tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.*

### Emenda 41

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-lista mqassra għandha tkun ekwibrata f'dak li jikkonċerna l-ġeneru u n-nazzjonalità u għandha tinkludi kandidati b'esperjenza ta' ħidma fl-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, fl-amministrazzjoni tal-Unjoni u fl-attur tas-suq. Il-lista mqassra għal membru full-time għandha tinkludi mhux aktar minn 10 kandidati.***

## Ġustifikazzjoni

*Sabiex jiġi żgurat li jintgħażlu l-aħjar kandidati possibbli, diġà għandu jkun hemm bilanċ u proporzjon fil-livell tal-lista mqassra, li għandha tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.*

### Emenda 42

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 45a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ***sempliċi*** tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. ***Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.***

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord Eżekuttiv għandhom jiġu adottati minn maġġoranza ***assoluta*** tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed.



## *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tat-teħid tad-deċiżjonijiet min-naħa tal-Bord Eżekuttiv, huwa propost li jiġi introdott ir-rekwiżit ta' maġġoranza assoluta.*

### **Emenda 43**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 41**

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 54 – paragrafu 2 – inċiż 6b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**“– l-identifikazzjoni ta' sinerġiji  
possibbli fir-rigward tal-kompiti mwettqa  
mill-ASE għal raġunijiet ta'  
kosteffikaċja”;**

## *Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-Approċċ Komuni, l-ASE għandhom jagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi limitati disponibbli. Għaldaqstant, il-Kumitat Konġunt tal-ASE għandu jkun inkarigat, fost dmirijiet oħra, mill-identifikazzjoni tas-sinerġiji fir-rigward tal-ħidma mwettqa mit-tliet Aġenziji, sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' duplikazzjoni u attivitajiet sovrapposti.*

### **Emenda 44**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 42**

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 55 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

"2. Membru wieħed tal-Bord Eżekuttiv, ***ir-rappreżentant*** tal-Kummissjoni u l-BERS għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll ta' kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati msemmija fl-Artikolu 57, bħala osservaturi.";

"2. Membru wieħed tal-Bord Eżekuttiv, ***ir-rappreżentanti*** tal-Kummissjoni, ***il-Parlament Ewropew*** u l-BERS għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kif ukoll ta' kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati msemmija fl-Artikolu 57, bħala osservaturi.";

## *Ġustifikazzjoni*

*Rappreżentant wieħed tal-Parlament għandu jkun preżenti għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-ASE bħala osservatur, bil-għan li jiżdied l-iskrutinju parlamentari fuq l-attivitajiet tat-tliet Aġenziji.*

### **Emenda 45**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 45 – punt aa (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

**"1a. Id-dħul li tirċievi l-Awtorità m'għandux jikkomprometti l-indipendenza jew l-oġġettività tagħha."**

### **Emenda 46**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 45 – punt ab (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 62 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ab) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:**

**"L-estimi għandhom ikunu bbażati fuq l-objettivi u r-riżultati mistennija tal-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 43(4), u għandhom iqisu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-objettivi u jinkisbu r-riżultati mistennija, skont il-prinċipju tal-ibbaġitar abbażi tal-prestazzjoni."**

## Emenda 47

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt 46 - punt a

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) kontribuzzjoni ta' bilanċ mill-Unjoni, imdaħħla fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni (taqsima dwar il-Kummissjoni), li ma għandhiex taqbeż 40 % tad-dħul proġettat tal-Awtorità;

#### *Emenda*

(a) kontribuzzjoni ta' bilanċ mill-Unjoni, imdaħħla fil-Baġit Ġenerali tal-Unjoni (taqsima dwar il-Kummissjoni), li ma għandhiex taqbeż **1-40 % u li m'għandhiex tkun taħt il-15 %** tad-dħul proġettat tal-Awtorità;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li jilqa' l-approċċ tal-estensjoni tal-ammont relattiv ta' finanzjament indirett permezz tat-tariffi, għandu jiġi żgurat li l-infiq min-naħa tal-aġenzija ta' natura amministrattiva identifikata b'mod ċar, bħall-ispejjeż assoċjati mal-kiri tal-uffiċċji u s-servizzi tas-sigurtà, jitħallsu mill-pubbliku. Huwa propost ammont minimu ta' 15 % tad-dħul stmat.*

## Emenda 48

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 46

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 62a – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kriterji xierqa u oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jitħallsu minn istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) abbażi tad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu b'mod approssimattiv l-importanza tagħhom fis-suq.

#### *Emenda*

(b) kriterji xierqa u oġġettivi għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet annwali li jridu jitħallsu minn istituzzjonijiet finanzjarji individwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) abbażi tad-daqs tagħhom sabiex ikunu jirriflettu b'mod approssimattiv l-importanza tagħhom fis-suq **u sabiex ma jaffettwawx il-kompetittività tagħhom.**

## Emenda 49

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 47

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 62a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu jistgħu jistabbilixxu jew limiti **stabbiliti** de minimis li taħthom ma tkun dovuta **ebda** kontribuzzjoni jew inkella livelli minimi li taħthom ma għandhomx jaqgħu **l-kontribuzzjonijiet**;

#### *Emenda*

***Il-Kummissjoni, qabel ma tadotta att delegat dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali mill-istituzzjonijiet finanzjarji, għandha tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni ta' dan l-att delegat. L-att delegat għandu jkun limitat fiż-żmien u jkun fih klawsola ta' estinzjoni.*** Il-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu jistgħu jistabbilixxu jew **livelli** limiti de minimis li taħthom ma tkun dovuta **l-ebda** kontribuzzjoni jew inkella livelli minimi li taħthom ma għandhomx jaqgħu **l-kontribuzzjonijiet**";

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li l-att delegat propost mill-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-aġenziji jkun ibbilanċjat bejn l-interessi tal-partijiet ikkonċernati, is-superviżuri nazzjonali u l-awtorità baġitarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tinvolvi lil dawn l-atturi fit-tnejn tal-att delegat. Biex jiġi żgurat l-iskrutinju demokratiku, l-att delegat għandu jkun limitat fiż-żmien.*

## Emenda50

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 56a (ġdid)

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 73 – paragrafu 3

#### *Test fis-seħħ*

3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa **għall-iffunzjonar** tal-Awtorità għandhom

#### *Emenda*

***(56a) fl-Artikolu 73, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Awtorità għandhom***

jigü pprovdu ti miċ-Ċentru **tat-Traduzzjonijiet** għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

jigü pprovdu ti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea jew minn fornituri oħra ta' servizzi tat-traduzzjoni skont ir-regoli dwar l-akkwist u fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli finanzjarji rilevanti.";

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-emenda proposta għandha l-għan li ttiprovdi lill-Aġenzija ċerta flessibilità f'dak li jikkonċerna s-servizzi ta' traduzzjoni.*

#### **Emenda 51**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 56a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 1095/2010

Artikolu 74 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(56a) fl-Artikolu 74, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

**"Sabiex tikseb iffrankar finanzjarju, l-Awtorità għandha tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess post."**

## PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Regolament li jemenda r-Regolamenti li jistabbilixxu Awtorità Superviżorja Ewropea u r-Regolamenti dwar is-Swieq Finanzjarji: (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 345/2013, (UE) Nru 346/2013, (UE) Nru 600/2014, (UE) 2015/760, (UE) 2016/1011 u (UE) 2017/1129
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0536 – C8-0319/2017 – 2017/0230(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 16.11.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 16.11.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jens Geier 9.10.2017
<b>Eżami fil-kumitat</b>	19.6.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.7.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 21 –: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Indrek Tarand, Isabelle Thomas
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ivana Maletić
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>21</b>	<b>+</b>
ALDE	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez
PPE	Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Ivana Maletić, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Patricija Šulin
S&D	Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, John Howarth, Răzvan Popa, Manuel dos Santos, Isabelle Thomas
VERTS/ALE	Jordi Solé, Indrek Tarand

<b>2</b>	<b>-</b>
EFDD	John Stuart Agnew
ENF	André Elissen

<b>0</b>	<b>0</b>

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet